MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 118/2003

**Avviz numru 118/2003DM**

**U.C.I.M. Co Ltd**

**Vs**

**International Fine Papers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u sebghin liri Maltin (Lm2371) rappresentanti import ta' hdax (11) il-kambjala, wahda a' Lm71 (bilanc) u ghaxra ta' Lm230 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn April 2002 sa Frar 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mall-avviz bhala dokumenti numri minn 1 sa 11 konsekuttivament u inklussivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-20 ta’ Frar 2003 jammontaw ghal Lm96, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-konsult legali s-somma ta’ (Lm6.00) kontra s-socjeta konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher ebda rappresentant taghhom fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat il-kambjali originali ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba elfejn tlett mija u wiehed u sebghin liri Maltin (Lm2371) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz oltre s-somma ta’ Lm96 (sitta u disghin lira Maltin) imghax legali skadut sal-20 ta’ Frar 2003 bl-imghaxijiet ulterjuri b’effett mill-21 ta’ Frar 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------